**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 82/2007MV**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Simon Borg (97569M) u Lorraine Mamo (398164M)**

**Illum, 28 ta' Settembru 2016,**

Il-Qorti;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> Illi Antoine Vassallo kien talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 793/03 kontra Simon Borg sabiex tinqabad il-vettura Tata Diesel bin-numru DBI 905;
>
> Illi fl-ezekuzzjoni ta' tali mandat ta' qbid kawtelatorju, l-marixxall J. Abela, fil-15 ta' Mejju 2003 qabad vettura li kienet

propjeta' ta' l-intimat debitur Simon Borg ta' l-ghamla 'Tata Diesel bin-numru ta' registrazzjoni 'DBI 905', u d-debitur intimat hatar bhala kunsinnatarju lil certa Lorraine Mamo illi tirrsjedi fi Triq il-Klarissi, San Giljan;

Illi nonostante l-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju surreferit, l-imsemmija kunsinnatarja Lorranine Mamo bieghet il-vettura fuq imsemmija Tata Diesel bin-numru DBI 905 lil certu Martin Vella u dana b'disprezz ta' l-Ordni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fid-9 ta' Frar 2005 l-imsemmi Antoine Vassallo gab dan kollu ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u talab li din l-Onorabbli Qorti tordna lil Lorraine Mamo sabiex tiddeposita l-vettura Tata Diesel DBI 905, liema rikjesta giet akkordata permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datata 15 ta' Frar 2005 – Dok B;

Illi, minkejja tali ordni, l-vettura baqghet ma gietx ddepozitata u ghalhekk, fit-28 ta' Novembru 2005, l-imsemmi Antoine Vassallo talab li jibdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorità taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 – Dok C;

Illi b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2005 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk qiedhda ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Issib lill-intimati Simon Borg u Lorraine Mamo hatja ta' disprezz ghall-awtorità taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat illi l-intimata Lorrainne Mamo debitament notifikata fl-14 ta' April 2008 skond il-pink card annessa ma' folio 21 tal-process u skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara tal-istess folio 21 tal-process, ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' April 2007 deher l-intimat Simon Borg assistit li ta ruhu b'notifikat u talab zmien ghar-risposta.

Rat illi l-intimat Simon Borg baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat illi l-intimati regghu gew notifikati bir-riappuntament tal-kawza, skont ir-riferti pozittivi fuq in-naha ta' wara ta' folio 91 tal-process kif ukoll kif jirrizulta mill-pink cards annessi mal-istess folio 91 tal-process.

Rat illi minkejja din it-tieni notifika l-intimati baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat illi l-intimata Lorraine Mamo regghet giet notifikata illi l-kawza regghet giet riappuntata wara illi kienet giet kancellata u dan skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 107 tal-process u skont il-pink card annessa mal-istess folio 107;

Rat illi minkejja din it-tielet notifika l-intimata Lorraine Mamo baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat illi l-intimat Simon Borg rega' gie notifikat illi l-kawza regghet giet riappuntata wara illi kienet giet kancellata u dan skond ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 134 tal-process u skond il-pink card annessa ma' l-istess folio 134;

Rat illi minkejja din it-tielet notifika l-intimat Simon Borg baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati. Mhux biss izda min-notifiki kollha li saru lill-intimati minghajr ebda reazzjoni min-naha taghhom lejn l-awtorità tal-Qorti, jidher li l-intimati ma tantx habblu mohhhom mid-disprezz minnhom kommess lejn l-awtorità tal-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti, tiddikjara lill-intimati Simon Borg u Lorraine Mamo hatja ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti taht l-Artiklu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannahom multa fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu kull wiehed (€2,329.37), bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur